MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 595/2005

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Spiteri)

vs

David Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita numru 350567(M) talli:

1. volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' vettura bin-numru ta' registrazzjoni TDI 156 tal-ghamla Alfa Romeo ghad-dannu ta' Bianco Sandro minn Hal-Balzan liema hsara teccedi aktar minn Lm500 u dan ai termini tal-Artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lill-imsemmi Sandro Bianco bil-kliem u dan kollu bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(c) tal-Kap 9;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna griehi hfief fuq il-persuni ta' Sandro Bianco u Samuel Xuereb skond kif iccertifika Dr.Gregory Attard ta' St James Hospital u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akuzi kontra l-akkuzat skattaw minhabba glieda f'ambitu familjari li nqaghlat fl-24 ta' Gunju 2005.

Illi l-abbli difensur fit-trattazzjoni orali sahaq fuq li l-patrocinat tieghu ma setghax jinstab hati ghall-ebda wahda mill-akkuzi billi: l-parti leza ossija l-kwerelant ma xehedtx; li fir-rigward il-hsara fil-vettura hemm x-xhieda skjetta tar-rappresentant tal-Awtorita' tat-Trasport li l-vettura ma kinitx, f'kull kaz, proprjeta' tal-kwerelant u allura hu ma seta' qatt sofra danni fin-nuqqas ta' provi ohra ukoll 'dato ma non concesso' li gew ikkagunati tali danni; li c-certifikati medici esebiti mhumiex avallati b'gurament.

Illi fid-dawl ta' dawn is-sottomissjonijiet din il-Qorti hi ampjament sodisfatta li l-ebda wahda mill-offizi addebitati lill-akkuzat ma treggi. Jinghad f'dan il-kuntest illi l-uniku

fatt li johrog car mill-provi, u dan mill-istqarrija rilaxxjata mill-akkuzat, hu li f'xi hin tal-argument l-akkuzat u l-kwerelant gew fl-idejn. Din pero'ma kinitx l-unika glieda li nqaghlat billi qabilha l-kwerelant kien gie fl-idejn anka ma' persuna ohra li kienet presenti u precisament ma' Samuel Xuereb. Huwa difficili ghalhekk li l-griehi li sofra l-kwerelant jigu attribwiti li gew ikkagunati lilu mill-akkuzat. Ic-certifikat mediku esebit in atti jirriskontra biss il-feriti hfief li inkorra l-kwerelant izda mhux biss billi jirrisulta wkoll esebit certifikat mediku rilaxxjat fil-konfront ta' l-imsemmi Samuel Xuereb dwar allegati feriti hfief sofferti minnu li jekk xejn huwa konferma li l-glieda involut l-akkuzat kienet preceduta bil-glieda bejn Xuereb u l-kwerelant. Ghalhekk r-raba akkuza ma treggix billi nieqsa mill-grad tal-prova rikjesta.

Trattata t-tieni akkuza din hi ta' offiza kontravenzjonali rigwardanti ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Fil-kuntest ta' din l-akkuza ipottizata fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 il-glieda 'per se' mhiex wahedha sufficjenti sabiex terradika rejita'. Irid jigi dimostrat li din kkrejet apprensjoni f'xi persuna, imqarr il-kwerelant, ghall-inkolumita' fisika tieghu jew ta' xi proprejta' tieghu. Dan il-fatt imkien ma jirrisulta. Idem fir-rigward it-tielet akkuza li dwarha wkoll ma hemm l-ebda prova anka minhabba li l-kwerelant ma xehedtx. F'dan il-kuntest il-Qorti tirreferi ghall-verbal taghha tas-6 ta' Ottubru 2008 b'referenza wkoll ghall-verbal ta' qablu minn fejn l-ebda riferta posittiva ma tirrizulta tal-kwerelant li mill-atti jirrisulta li qatt ma kien presenti ghall-dawn il-proceduri. Issa gja la darba l-kawza hi wahda sommarja stante wkoll li l-kwerelant qatt ma deher din il-Qorti hasset li kienet gustifikata li tiddikjara l-provi tal-prosekuzzjoni maghluqa u tghaddi biex tisma l-provi tad-difiza. Dan meta ghal darba darbtejn ma ingabitx riferta. Il-posizzjoni kienet tkun differenti li kieku kien hemm riferta posittiva u l-prosekuzzjoni insistiet li tinstema din ix-xhieda.

Trattata l-ewwel akkuza il-Qorti proprjament mhux qeghdha tirriskontra ebda danni ikkagunati minn sewqan ta' vettura ohra. Hsara hemm kif jixhdu r-ritratti izda

qeghdha tghid il-Qorti li mhumiex kompatibbli ma kif huma deskritti li gew ikkagunati u dan ghandu jkun evidenti minn ezami tal-imsemmija ritratti esebiti. Jirrisulta wkoll li l-vettura ma kinitx ta' proprjeta' tal-kwerelant u kwindi hu personalment ma sofra ebda dannu.

Ghaldaqstant u konsegwentement il-Qorti mhux qeghdha ssib htija fl-imputat ghall-ebda wahda mill-akkuzi kontrih dedotti u qeghdha kwindi tilliberah minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------